EUROPA TOURS

8 IJIEM • 2027

The Magic of Turkey

Istanbul & Cappadocia

Skopri l-ġmiel ta’ Istanbul u l-pajsaġġi maġiċi ta’ Cappadocia fi vjaġġ mimli storja, kultura u veduti mill-isbaħ.

GRUPP A • EASTER HOLIDAYS
24–31 ta’ Marzu

GRUPP B
9–16 ta’ Mejju

GRUPP C
6–13 ta’ Ġunju



Istanbul • Blue Mosque



Cappadocia • Ortahisar

L-Ewwel Jum – Istanbul

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta fit-**08:00** għat-titjira **TK1370**, li titlaq fl-**10:40** u tasal Istanbul fis-**14:05**. Transfer bil-kowċ lejn il-**Hotel Gonen Taxim (4★)**, fid-distrett ta’ Beyoğlu, viċin Taksim Square. Sistemazzjoni tal-kmamar u ħarġa mat-tour leader.

It-Tieni Jum – Dolmabahçe Palace • Underground Cistern • Bosphorus Cruise

Wara **Buffet Breakfast**, inżuru **Dolmabahçe Palace** u l-**Underground Cistern**. Wara ngawdu **Bosphorus Cruise** (inkluż), minn fejn naraw ix-xtut Ewropej u Asjatiċi ta’ Istanbul.

It-Tielet Jum – Istanbul Historical City Tour • Spice Market

Buffet Breakfast. Ma’ gwida tal-lokal inżuru l-parti l-qadima ta’ Istanbul, fejn naraw **Hagia Sophia**, il-**Blue Mosque** u l-**Hippodrome**, bl-Obelisk of Theodosius, il-Bronze Serpentine Column u l-Column of Constantine. **Lunch** inkluż. Nieqfu għal ritratt ħdejn **Topkapi Palace**, il-palazz tas-slaten Ottomani. Inżuru l-**Spice Market** qabel nirritornaw lejn il-hotel.

Ir-Raba’ Jum – Ġurnata libera jew eskursjoni fakultattiva

Wara **Breakfast**, ikollna ġurnata libera għax-xiri u biex induru Istanbul għal rasna. L-eskursjoni fakultattiva ta’ ġurnata sħiħa (bi ħlas żejjed) teħodna lejn **Fener** u **Balat**, magħrufa għat-toroq dojoq u d-djar tradizzjonali mlewna. Inżuru l-**Grand Çamlıca Mosque**, li tgħaqqad l-istil Ottoman ma’ disinn modern. Inkomplu lejn **Çamlıca Hill** u **Çamlıca Tower** biex ingawdu veduti tan-naħat Ewropej u Asjatiċi tal-belt.

2124 3562 • 2125 0526
www.europatours.org • info@europatours.org
31, Triq Sant’Anna, Floriana, FRN 9012, Malta

The Magic of Turkey

Istanbul & Cappadocia

Il-Ħames Jum – Nevşehir • Cappadocia

Wara **Breakfast**, transfer bil-kowċ lejn l-ajruport għat-titjira **TK2004**, li titlaq fil-**11:20** u tasal Nevşehir fis-**12:40**. Nagħmlu dawra panoramika, imbagħad immorru fiċ-ċentru ta' Nevşehir u nagħmlu check-in fl-**Altinoz Hotel (4★)**. Ċena fil-hotel.

Is-Sitt Jum – Hot Air Balloon • Göreme • Uçhisar Castle

Kmieni filgħodu, min jixtieq jista' jagħmel titjira fakultattiva bil-**Hot Air Balloon** (bi ħlas żejjed) biex jara l-vallijiet u l-formazzjonijiet tal-blat bid-dawl ta' filgħodu. Wara **Breakfast**, inżuru l-**Göreme Open Air Museum**, magħruf għall-knejjes imnaqqxin fil-blat. Nieħdu **Lunch** f'restorant Tork u nkomplu lejn **Uçhisar Castle**, formazzjoni tal-blat b'passaġġi u kmamar imnaqqxin fiha. Nirritornaw lejn il-hotel għaċ-ċena u ħin liberu.

Is-Seba' Jum – Derinkuyu Underground City • Pigeon Valley

Wara **Breakfast**, inżuru **Derinkuyu Underground City Museum**, belt taħt l-art f'Cappadocia. Nieħdu **Lunch** f'restorant Tork u ngawdu l-veduti ta' **Pigeon Valley**. Ċena fil-hotel u ħin liberu.

It-Tmien Jum

Breakfast u ftit ħin liberu qabel nitilqu lejn l-ajruport ta' Nevşehir għat-titjira lura mat-Turkish Airlines, via Istanbul. Naslu Malta bit-titjira **TK1371** fis-**18:35**.

Prezz skontat kull persuna

Eskursjonijiet, Half Board, entraturi u taxxi inklużi skont il-programm

Kamra għal tliet persuni	**€1,420**
Kamra għal żewġ persuni	**€1,420**
Kamra għal persuna waħda	**€1,655**
Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti	**€1,280**
Suppliment Grupp C	**€50**

Il-prezz jinkludi

- Titjiriet mat-Turkish Airlines, bagalja ta' 20 kg u hand luggage
- Transfers, eskursjonijiet u gwidi tal-lokal bl-Ingliż
- Entraturi skont il-programm u Bosphorus Boat Cruise
- 4 iljieli fil-Hotel Gonen Taxim (4★) u 3 fl-Altinoz Hotel (4★)
- Buffet Breakfast, 4 ikliet f'nofs in-nhar u 3 ikliet filgħaxija
- Taxxi, tour leader Malti u insolvency protection

Il-prezz ma jinkludix

- Hot Air Balloon
- Eskursjoni fakultattiva ta' Fener, Balat u Çamlıca

Jista' jkun hemm tibdil żgħir fil-programm minħabba ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. **Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.**